MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 364/2010

Kawza fil-lista: 76

**A R X**
**vs**
**L-Avukat Dottor Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Madeline Firman nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C Q**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fis-27 ta' Dicembru 2009 hija kkuntrattat zwieg civili mal-konvenut assenti; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta;

ghaldaqstant qed jitlob li z-zwieg de quo jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati rrispondew li f' dak l-istadju ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta fuq il-meritu meta jkunu hekk edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta' Dicembru 2009 huwa null fil-ligi fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Min-naha tieghu l-konvenut assenti ma prezentax risposta fuq il-meritu.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontraddetti s-segwenti fatti.

Illi il-partijiet izzewgu fis-27 ta' Dicembru 2009 fis-Sirja meta l-attrici kellha biss 18-il sena u l-konvenut kellu 33 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil-xulxin ftit xhur biss. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici qatt ma kellha guvni iehor qabel ma' ltaqet mal-konvenut. Huma zzewwgu fis-Sirja, u wara kienet giet lura m'ommha, filwaqt li l-konvenut kien baqa' hemm u ma riedx jirritorna lura Malta, u rregistraw iz-zwieg f' Malta. Di fatti, il-partijiet qatt m'ghexu flimkien u l-attrici qatt ma kellha relazzjonijiet intimi tal-konvenut, lanqas wara z-zwieg.

Illi x-xhieda tal-attrici ssib konfort fix-xhieda t'ommha li tghid li hi kienet hadet pjacir meta kienet saret taf li l-attrici kienet ser tizzewweg, u dan peress li "it-tifla tieghi

ghandha bzonnijiet specjali peress li hija ghandha kapacitajiet mentali limitati."[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta manifest il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1], stante li dan il-konvenut, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluda z-zwieg, u senjatament l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali.

Il-Qorti thoss li dan kien zwieg ta' konvenjenza da parti ta' l-istess konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta' Dicembru 2009.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol.27